

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' Ottubru 2011 — Anbouba vs Il-Kunsill**

(**Kawża T-563/11**)

(2012/C 25/104)

Lingwa tal-kawża: il-Françiz

**Partijiet**

Rikorrent: Issam Anbouba (Homs, is-Sirja) (rappreżentanti: M.-A. Bastin u J. M. Salva, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob lill-Qorti Ĝeneralu jogħgħobha:

- tiddikjara l-preżenti rikors ammissibbli fil-punti kollha tiegħu;
- tiddikjarah fondat fil-motivi kollha tiegħu;
- tgħid li l-atti kkontestati jistgħu jiġu annullati parżjalment peress li l-parti tal-atti li għandhom jiġu annullati tista' tinqata' mill-att kollu;
- konsegwentement.
- tannulla parżjalment id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/522/PESK tat-2 ta' Settembru 2011, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/628/PESK tat-23 ta' Settembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2011/273/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja, kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 878/2011 tat-2 ta' Settembru 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 442/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja billi tneħħi l-isem ta' Issam ANOUBA u r-riferimenti għaliex bħala sostenn tar-reġim attwali fis-Sirja,
- fin-nuqqas, tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/522/PESK tat-2 ta' Settembru 2011, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/628/PESK tat-23 ta' Settembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2011/273/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja, kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 878/2011 tat-2 ta' Settembru 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 442/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja;
- fin-nuqqas, tiddikjara li dawn id-deċiżjonijiet u r-regolament ma humiex applikabbli fir-rigward ta' Issam ANOUBA u tordna t-tnejħija ta' ismu u tar-riferimenti għaliex mil-lista tal-persuni li huma s-suġġett tal-miżuri sanzjonatorji tal-Unjoni Ewropea;
- tikkundanna lill-Kunsill għal EUR 1 bħala danni u interassi provviżorji bħala kumpens għad-dannu morali u materjali

subiti minħabba li Issam ANOUBA ssemmu bħala sostenn tar-reġim attwali fi-Sirja;

- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż kollha.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

- (1) L-ewwel motiv, ibbażat fuq:

- minn naħa, ksur tal-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innovenza għgarantit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB) u mill-Artikolu 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u
- min-naħa l-oħra, żball manifest ta' evalwazzjoni, peress li l-akkużi kontra r-rikorrent huma bbażati mhux fuq fatti oġġettivi, imma fuq allegazzjonijiet semplice marbuta mal-pożizzjoni soċjali tiegħu bħala negozjant.

- (2) It-tieni motiv, maqsum ferba' partijiet, ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal smiġ xieraq, tal-obbligu ta' motivazzjoni, tad-dritt għall-ħajja privata u fuq preġudizzju għal-libertà tar-religion, sa fejn:

- ir-rikorrent ma saritlu ebda komunikazzjoni ta' provi jew ta' indizzji serji li setgħu wasslu għall-iskrizzjoni tiegħu fil-lista tal-persuni ssanzjonati, u ma nstemax qabel l-adozzjoni tal-atti kkontestati;
- il-konvenut sempliceamente uż-a formulazzjoni ġenerali ħafna u fuq kollox mhux motivata fl-atti kkontestati meta huwa adotta miżuri restrittivi fir-rigward tar-rikorrent;
- l-adozzjoni tal-miżuri restrittivi fir-rigward tar-rikorrent setgħu jaġħtu lok għal reazzjonijiet imqanqla u minn-ċċi minn persuni jew gruppni li kienu vittmi tar-repressjoni Sirjana, li magħha r-rikorrent ġie assoċċiat wara l-atti kkontestati;
- ir-raġuni vera tal-adozzjoni tal-miżuri restrittivi fir-rigward tar-rikorrent hija ta' natura reliġjuża.

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' Ottubru 2011 — Farage vs Il-Parlament u Bużek**

(**Kawża T-564/11**)

(2012/C 25/105)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Nigel Paul Farage (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: P. Bennett, Solicitor)